**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 68**

**Data:** **23 ta' Mejju 2024**

**Hin:** **09.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

68.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji;

68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

68.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

68.5 Korrispondenza u Rapporti;

68.6 Festa 2024;

68.7 Sejha ghall-Ufficjal fi Skala 10;

68.8 Skeda ta' Pagamenti;

68.9 Materji ohra;

68.10 Approvazzjoni tal-Minuti tat-68 laqgha tal-Kunsill;

68.11 Tmiem tal-laqgha.

---

**68.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji**

68.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

68.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

68.3.1 Is-Sindku informa lill-membri li ghada l-iskola ser ikollha zjara specjali minghand Bjorn Formosa f'isem il-fondazzjoni ALS bhala charity fund raising. Huwa ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jghin lil din l-ghaqda b'donazzjoni ta' €500. Il-Kunsill qabel unanimament.

68.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar is-Sibt ser ikun hemm attivita' politika fil-pjazza bejn l-4.30pm u 7pm fejn il-Pjazza ser tkun maghluqa ghat-traffiku. Hekk kif titlesta' din terga tinfetah.

68.3.3 Giet trattata korrispondenza minghand residenti mil-lokalita' fir-rigward ta' l-applikazzjoni tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar numru PA/02994/24 fejn giet migbuda l-attenzjoni li intefghu pjanti godda fir-rigward ta' din l-applikazzjoni. Dawn ir-residenti qeghdin jilmentaw b'diversi punti li qed jigu allegati bhala dokument A ma dawn il-minuti. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni ma inbidlitx hafna minn kif kienet orginarjament u ghad hemm problema ta' gholi u li qed tintmess art ODZ. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament li ghandha tigi avvicinata l-avukata Dr. Claire Bonello biex tipprezenta oggezjoni f'isem il-Kunsill.

**68.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

68.4.1 Giet trattata mistqosija minghand il-Kunsillier Joseph Mizzi kif segwenti:-

Dalghodu rajt li l-Malta Post naqset gurnata tal-operat mill-ufficcju tal-Gharb u se tkun qed taghlaq l-ufficju fil-gurnata tas-SIbt, meta hafna nies juzaw dik il-gurnata. L-ahbar haregt il-bierah (22 ta' Mejju) li din il-bidla se tidhol fis-sehh mill-1 ta' Gunju 2024. Nemmen li r-residenti jixirqilhom servizz tajjeb fir-rahal u nitlob lill-Kunsill jibghat komunikazzjoni lill-malta Post biex jergghu jikkunsidraw din id-decizjoni mill-aktar fis possibli. F'isem ir-residenti, ma nixtieqx li s-servizzi jonqsu.

Is-Sindku qal li huwa kien diga tkellem mac-CEO tal-Maltapost fejn huwa infurmah li mill-1 ta' Gunju kien ser ikun hemm nuqqas ta' gurnata. Is-Sindku qal li huwa sahaq mieghu li s-servizz m'ghandux jitnaqqas u dan ghandu jizdied. Is-Sindku zied jghid li jekk il-Maltapost tonqos milli tibqa' toffri servizz il-post li qeghdin jokkupa jittiehed peress li dan gie moghti b'dik il-kundizzjoni. Huwa qal ukoll li l-Kunsill ta' San Lawrenz ghandhom subpost office ukoll pero' jidher li hemm xi problemi ukoll minhabba li din mhix delega li ghandu l-Kunsill u ghaldaqstant mhuwiex xoghol li ghandu jitwettaq mill-Kunsill. Miriam Borg qalet li din tohloq problema ghall-haddiema li jahdmu fejn is-Sindku qal li min-naha tieghu huwa ha azzjoni immedjata u ser jassigura li dan is-servizz jibqa' jingahta.

**68.5 Korrispondenza u Rapporti**

68.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ghall-permess ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar:

PA/00217/24, PA/01073/24, PA/02249/24, PA/02375/24, PA/02562/24 u PA/02597/24.

**68.6 Festa 2024**

68.6.1 Is-Sindku spejga li l-Kunsill huwa involut fil-festa bil-hrug tal-permessi tal-kiosks u assistanza li tintalaq minn ghaqdiet Lokali. Fuq dawn il-Kunsill qabel li ghandhom jinhargu l-permessi fil-postijiet kif ikunu soltu l-kiosks u li l-Kunsill ghandu jghin lill-ghaqdiet lokali f'dak li jkun mehtieg ghall-festa.

Is-Sindku qal ukoll li Michael Bajada qed jipprepara d-disinn ta' l-Infiorata fejn peress li s-sena kien hemm anniversarju specjali u mportanti ghall-parrocca dan ghandu jkun l-unika tema li tigi inkluza fl-Infiorata. Huwa qal li bhala Kumitat ta' l-Infiorata dawn kienu diga qablu mad-disinjatur. Il-Kunsill ukoll qabel li ghandu jsir kif ssugerit mid-disinjatur.

Il-Kunsill qabel ukoll li jekk ikun hemm htiega li jsiru toqob ghall-arbli tal-festa dawn ghandhom isiru bhas-snin precedenti.

Tonio Mifsud qal li qed jithallew t-toqob mikxufa tal-arbli u li dawn ihallu periklu. Gie spjegat li meta ingibdet l-attenzjoni f'dawn il-kazijiet il-Kunsill ha hsieb flimkien mall-kumitat tal-festa.

Joseph Mizzi staqsa dwar l-indafa ta' wara l-attivitajiet li jkunu qed isiru fil-jiem tal-festa. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien talab Assistenza lill-Eco Gozo pero' l-prezz ser ikun bhas-snin ta' qabel li huwa madwar €7000. Il-Kunsill qabel ma' din il-kwotazzjoni.

Is-Sindku spejga ukoll li l-festa tigi tiswa lill-Kunsill madwar €15,000 fejn din is-sena jidher li l-anniversarju gie jiswa bejn wiehed u iehor l-istess. Il-Vici Sindku staqsa jekk il-budget ikunx hemm mahsub dan l-extra. Gie spjegat li dan ma jkunx mahsub pero' jittiehed minn attivitajiet ohra u ghaldaqstant il-flus jinqasmu biex ikopru l-attivitajiet kollha.

Joseph Mizzi staqsa jekk hux ser isir tindif bhal hasil tat-toroq qabel il-festa fejn is-Sindku qal li ser isir tindif bhas-soltu u anke ftit aktar minhabba l-hafna kostruzzjoni li jkun qed isir. Is-Sindku qal li dan ghadu jrid isir pjan ghalih u talab lil-Kunsill sabiex jawtorizzah biex jorganzza dan it-tindif. Il-Kunsill qabel unanimament.

**68.7 Sejha ghall-Ufficjal fi Skala 10**

68.7.1 Is-Sindku ddikjara li ghandu interess personali u ghaldaqstant talab lil Vici Sindku sabiex ikompli jippresiedi filwaqt li hareg mil-laqgha. Il-Vici Sindku qal li l-Assistant Principal tal-Kunsill ghandha hames snin ta' servizz sodisfacenti u ghaldaqstant qed jipproponi li tiehu promozzjoni ghal skala 10. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament. Is-Sindku rega' ssejah lura fil-kamra u kompla jippresiedi.

**68.8 Skeda ta' Pagamenti**

68.8.1 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata mill-Kunsill.

**68.9 Materji ohra**

68.9.1 Is-Sindku qal li minhabba li huwa kien jinsab indispost l-opening tac-Centru Civiku u Meeting Hub kellu jigi pospost u qeghdin nistennew data gdida. Tonio Mifsud staqsa x'ser jigri ghall-opening fejn is-Sindku qal li dan kien ippjanat li jsir filghodu b'attivita' li tinkludi t-tfal ta' l-iskola.

68.9.2 Is-Sindku ssugerixxa li nhar il-Erbgha issir l-inawgurazzjoni ta' l-App gdida tal-Kunsill bil-presenza tat-tfal ta' l-iskola fejn issir demostrazzjoni ta' kif tahdem din l-App. Huwa qal ukoll li f'dawn il-granet ser jehlu ukoll l-iscreens tal-parking. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel mas-suggeriment tas-Sindku. Gie innotat ukoll li Transport Malta ghandha tigi notifikat dwar il-parking scheme.

68.9.3 Is-Sindku qal li l-progett tal-pool qed isir il-finishing tieghu u bhalissa qed jinbena s-saft tal-lift u l-entratura.

68.9.4 Fir-rigward tal-proget tal-pannelli l-Kunsill kien applika ghall-uzu tal-grid u jekk jidhol fil-bracket li kien hemm jidhol inkellha l-Kunsill ikollu jerga japplika meta terga tiftah l-iskema f'Gunju.

68.9.5 Is-Sindku qal li Tumas Cassar kienu saru t-testijiet pero' minhabba l-hsara li hemm ser ikollhom jinbidlu l-mejniet tad-drenagg it-tnejn fejn l-ammont huwa ikkalkulat li jiswa hafna. Is-Sindku qal li dan mhux fir-responsabilita' tal-Kunsill. Minhabba din ir-raguni x-xogholjiet f'din it-triq kienu waqfu u ghaldaqstant jekk ikun possibli jinbdew xogholijiet fuq triq ohra sakemm il-Water Services jillestu x-xogholijiet. Gie innotat li l-importanti li l-facilitajiet li ghandu l-Kunsill jergghu jigu kkonettajati.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jaghzel it-toroq li jmiss liema toroq ikunu jistghu jsiru fix-xhur tas-sajf minghajr ma tinholoq inkonvenjent. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandu hekk kif jircievi l-approvazzjoni sabiex jghaddi il-kulvert u jibda' x-xogholijiet fi Triq Albert W. Ketelby.

68.9.6 Is-Sindku qal li ser issir laqgha aktar tard mall-gurnata mall-kuntrattur responsabbli mix-xogholijiet fuq il-latrini awtomatici liema xogholijiet ghandhom jitlestew sal-festa. Tonio Mifsud staqsa jekk l-ilma jistax jerga jigi reciklat fejn is-Sindku qal li dan huwa impossibli. Is-Sindku qal ukoll li l-latrina ta' Ta' Pinu ser tkun monoblock u ghandu jsir ix-xoghol tal-komunikazzjoni tad-drenagg. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir ix-xoghol mir-Road Construction ghal din il-komunikazzjoni.

## 68.10 Approvazzjoni tal-Minuti tat-68 laqgha tal-Kunsill

68.10.1 Gie spjegat li minhabba li trid tissejjah laqgha ohra minhabba l-financial statements dawn il-minuti ser jigu approvati f'dik l-imsemmija laqgha. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 68.11 Tmiem tal-laqgha

68.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 30 ta' Mejju, 2024 fid-9am.

68.11.2 Il-laqgha spiccat fil-9.48am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv